MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2014

Numru 236/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Tabone)**
**v.**
**Anthony Cauchi**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Anthony Cauchi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 39702L, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:
Nhar it-08 ta' Ġunju 2009, għal ħabta tal-għaxra u kwart ta' fil-għaxija (22:15hrs) ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat (Għawdex):
1. Iddenunzja lil Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil Mariano Cauchi (ID 27158G) akkuża din il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innoċenti.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mgħotija fit-2 ta' Mejju, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 101(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li illiberat lill-imputat mill-ewwel akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu, sabitu hati tat-tieni akkuza, ikkundannatu għal perijodu ta' sitt xhur priġunerija, iżda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dana l-perijodu ta' priġunerija ġie sospiż għal żmien sena mid-data tas-sentenza.
Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv tas-sentenza.
**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Anthony Cauchi, ppreżentat fil-21 ta' Mejju, 2013 fir-reġistru ta' din il-Qorti, fejn talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonferma l-liberatorja fl-ewwel akkuża tirriduċi l-piena imsemmija għal dik ikkontemplata fl-artikolu 101(c).
**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti fosthom id-depożizzjonijiet tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.
**5.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:
Fit-8 ta' Ġunju 2009 għall-ħabta tal-10.15 pm l-imputat appellant mar l-għassa tar-Rabat Għawdex u għamel rapport li għall-ħabta tad-9.15 pm fl-istess ġurnata kien għaddej fl-inħawi ta' Triq il-Muniċipju Ruman ġewwa r-Rabat u nnota lil Mariano Cauchi u waqqfu. L-imputat kompla jirrapporta li wara li hu u Cauchi skambjaw xi diskors iddeċidew li jiltaqgħu ix-Xewkija u hemmhekk bdew jargumentaw u Cauchi heddu u għamillu ħsara fuq il-vettura tiegħu b'helmet. L-ewwel Qorti sabet lill-imputat ħati tar-reat ta' kalunnja taħt l-artikolu 101(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali.
**6.** L-aggravju tal-appellant hu limitat għall-piena peress li jsostni li ż-żewġ reati ta' ħsara u ta' theddid kienu t-tnejn reati kontravvenzjonali u li għalhekk il-ħtija kellha tkun mhux taħt l-artikolu 101(1)(b) iżda taħt l-artikolu 101(1)(c) u li għalhekk il-piena kellha tiġi ridotta għall-parametri previsti f'dan l-aħħar artikolu. In kwantu għar-reat ta' ħsara li ġie rappurtat lill-pulizija l-appellant isostni li peress li l-

ħsara allegata qatt ma ġiet kwantifikata fil-kors tal-proċess ir-reat in kwistjoni kien jinkwadra bħala kontravvenzjoni taħt l-artikolu 340 tal-Kodiċi Kriminali preżumibilment taħt il-paragrafu (d) tiegħu li jipprovdi għal kontravvenzjoni ta' min bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, jagħmel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' l-artikolu 340 jew band'oħra fl-istess Kodiċi.

**Ikkunsidrat:**

**7.** L-appellant ma hux jikkontesta l-volontarjeta' tal-ħsara li huwa attribwixxa lil Mariano Cauchi. Tant hu hekk li bħala alternattiva qiegħed jinvoka l-applikabilita' tal-paragrafu (d) tal-artikolu 340 li si tratta minn vjolazzjoni kontra l-proprjeta'. Mill-provi, iżda, jirriżulta mill-aktar ċar li l-fatti li bihom l-imputat akkuża lil Mariano Cauchi quddiem il-puliżija jinkwadraw fir-reat ta' ħsara volontarja. Ir-reat ta' vjolazzjoni ta' proprjeta kontemplat fl-artikolu 340(d) għalhekk ma japplikax peress li dan japplika biss *in subsidium* fl-eventwalita' li l-fatt in kwistjoni ma jkunx jinkwadra bħala reat taħt xi artikolu ieħor tal-ligi. L-appellant jgħid ukoll li la l-imputat u anqas il-prosekuzzjoni ma kkwantifikaw il-ħsara allegata mill-imputat. Dan ma hux minnu. Għaliex is-Surġent PS 581 Loreto Buttiġieġ xehed li huwa kien talab lill-imputat jipproduċilu quotation tal-ħsara li kellu fil-karozza (fol. 13) u l-imputat ipproduċa d-dokumenti C u D (fol. 9-10) għall-ammont komplessiv ta' €443.56. Reat ta' ħsara volontarja ta' dan l-ammont iġib piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa sena, u dan skont l-artikolu 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali.B'hekk kjarament l-ewwel Qorti kienet korretta meta applikat il-piena komminata fl-artikolu 101(b) flok dik li jippretendi l-appellant komminata fl-artikolu 101(ċ).

**8** L-aggravju tal-appellant qiegħed għalhekk jiġi miċħud in kwantu manifestament infondat.

Għall-motivi premessi l-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u peress li jidhrilha li l-appell huwa wieħed altament fieragħ wara li rat l-artikolu 429(2) tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-appellant Anthony Cauchi għall-ħlas ta' ammenda ta' ħamsin euro (€50).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------